**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 04/2018

**It-Tlieta 27 ta' Marzu, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Evelyn Vella Brincat – Kunsillier
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

04.1.1 Peress li ma kienx hemm apoloġiji, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

### 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/2018.

04.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K7/2018 kif ippreżentati.

04.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 04.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

04.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

### 04.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

04.4.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, nhar il-15 ta' Marzu 2018 fis-2:30pm kellhom laqgħa mal-kumpanija City Security Co. Ltd., li ser joffru s-servizz ta' cash collection sakemm jinħatar kuntrattur ġdid, fejn għall-laqgħa kienu preżenti s-sinjuri Mark Gatt (Maniging Director), Pierre Calleja (Chief Security Officer) u Wilfred Bugeja (Operations Manager)

04.4.2 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-iskrivana Alison Grixti kienet waslet għall-increment annwali. Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, il-kelliem ippropona li tali increment għandu jingħata.

04.4.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.4.5 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Bicycle Rack (Local Councils Fund) ġiet milqugħa parzjalment (46/0826/18/I) u l-Kunsill ġie allokat is-somma ta' €6,000.00 inkluż il-Vat. Il-kelliem qal li t-talba oriġinali kienet għad-doppju, u f'dan l-istadju, il-Kunsill qed jistenna kjarifika jekk jistax juża dan l-ammont biss u l-proġett jitkompla jekk u meta jkun hemm aktar fondi disponibbli mill-Ministeru tal-Finanzi. Dan minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux fondi disponibbli extra għal din l-inizjattiva. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li jekk ikun hemm konferma dwar dan, il-Kunsill imexxi bl-ordni tax-xogħol mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill.

04.4.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.4.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.4.8 Il-Kunsillier Mark Causon għamel referenza għall-Minuti 03/K7/2018 – 03.7.3 fejn b'risposta li l-Kunsill rċieva mingħand l-Avukat tal-Kunsill 46/0695/08/I, huwa talab formalment lill-Kunsill li jirtira l-proposta li huwa kien ressaq lill-Kunsill għall-possibilità ta' applikazzjoni ta' fondi tal-EU għall-proġett fuq is-sit Natura2000. Il-kelliem irrimarka li huwa xtaq jikjarifika li l-unika interess tiegħu kien għall-ġid tal-lokal u għalhekk ladarba dak propost minnu huwa meqjus bħala konflitt t'interess, talab li tali proposta' tiġi irtirata b'effett immedjat.

**46/0634/18/I** Email mingħand l-amministrazzjoni ta' Middlesex University jirrakkomandaw li jsiru numru ta' road humps fi Triq Alamein minħabba sewqan eċċessiv.

04.4.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0634/18/I** fejn ippropona li Middlesex University għandhom jiġu nfurmata li l-Kunsill ma jħoss il-bżonn t'aktar Road Humps fid-dawl tal-marki tat-toroq kollha li hemm fl-istess triq.

04.4.10 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.4.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0644/18/I** Proposta mingħand TCTC dwar il-proġett Robotica Nation & Game Coding Training għas-sajf 2018.

04.4.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0644/18/I** fejn ippropona li minħabba nuqqas ta' konkorrenza is-sena li għaddiet, il-Kunsill iħoss li m'għandux joffri dan il-kors din is-sena.

04.4.13 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

04.4.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0659/18/I**
**46/0679/18/I** Proposta mingħand is-sur Josef Grech fejn minħabba impożizzjonijiet imposti mill-PA biex ikollu faċilitajiet fil-post tiegħu biex ikunu jistgħu jintużaw minn staff bi bżonnijiet speċjali, qed jipproponi li għas-spejjeż tiegħu jagħmel upgrading tal-latrini għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li hemm fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

04.4.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0659/18/I u 46/0679/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

04.4.16 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

04.4.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0675/18/I** Disinn finali mill-Perit tal-Kunsill għall-upgrading tar-roundabout ta' quddiem il-Kunsill.

04.4.18 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0675/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dan id-disinn u li idealment ikun mafkar li jfakkar il-25 sena mill-ewwel elezzjoni tal-Kunsill Lokali Pembroke.

04.4.19 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.4.20 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0751/18/I** Kopja t'ittra li l-Kunsill Lokali San Ġiljan bagħat lill-Kummissjoni elettorali informahom li ma jaqblux li jkun hemm tibdil fil-konfini fl-akwati tal-ITS, iżda disposti jaċċettaw it-tibdil dwar Triq Profs' Walter Ganado.

04.4.21 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0751/18/I** fejn informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali San Ġiljan qed jirrifjutaw it-talba biex is-sit tal-ITS jiġi mal-konfini ta' Pembroke. Il-kelliem irrimarka li mill-ittra joħroġ ċar li l-Kunsill Lokali San Ġiljan lanqas biss laqgħu t-talba l'issir laqgħa kif irrakkomandat kemm mill-Kummissjoni Elettorali kif ukoll mill-Kunsill Lokali Pmebroke.

**46/0818/18/I**
**46/0835/18/O** [EIA REVIEW] PA 00977/17 (EA 00011/17) - Upgrading of primary water network

04.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0818/18/I** u **46/0835/18/O** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat is-sottomissjonijiet tiegħu kif irrakkomandat wara konsultazzjoni mal-Perit.

04.4.23 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

04.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0836/18/I** PA/03972/17 Location: Site at, Triq Sant Andrija, Pembroke, Proposal: Installation of Billboard - PBK 3

04.4.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0836/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill joġġezzjona minħabba li hemm is-siġar, estatikament ikerrah l-ambjent u fl-isfond hemm bini storiku.

04.4.26 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

04.4.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0845/18/I** Email mingħand grupp ta' residenti minn Triq San Ġorġ Preca dwar l-attività ta' Halloween 2018.

04.4.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0845/18/I** fejn ippropona li għandha issir laqgħa mal-promoturi ta' din l-attività kif ukoll li wara li jiġi deċiż eżatt x'ser isir, l-Kunsill jara li jsir Health & Safety Risk Assesment Report biex tkun tista' issir din l-attività.

04.4.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.4.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0856/18/I** Stima mingħand MicaMed Ltd. għall-provvista u l-installazzjoni ta' 3 lampi fi Triq Sir Adrian Dingli u 11-il lampa fi Triq Martin Luther King, u dawn ma fejn hemm arbli eżistenti.

04.4.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0856/18/I** fejn ippropona li għalissa l-Kunsill għandu prijoritajiet oħra.

04.4.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.4.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

04.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 06/2018** - Kwotazzjoni 2018-01 Server u Desktop PC's **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 07/2018** - Kwotazzjoni 2018-03 Cash Collection Services **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 08/2018** - Kwotazzjoni 2018-05 Maratona tal-Ġiri **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 09/2018** - Kwotazzjoni 2018-04 Basketball Poles, board and ring **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 10/2018** - Laqgħa ma' sid il-ħanut u l-Maypole **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 11/2018** - Laqgħa ma' AC Mamo **(Dok. 6)**
- **Internal Memo 12/2018** - Laqgħa ma' Pembroke Athleta SC u l-MTA **(Dok. 7)**
- **Internal Memo 13/2018** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 03/K7/18 u 04/K7/18 **(Dok. 8)**
- **Internal Memo 14/2018** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K7/18 u 04/K7/18 **(Dok. 9)**

04.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 08/2018 - Kwotazzjoni 2018-05 Maratona tal-Ġiri**, il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jagħżel l-offerta ta' Dr. Samuel Aquilina, General Cleaners Co. Ltd. peress li hija l-irħas offerta, u Malta Red Cross fid-dawl li għalkemm mhux l-irħas offerta, qed joffru diversi servizzi anċillari mal-prezz sottomess.

04.5.3 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

04.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament

04.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 10/2018 - Laqgħa ma' sid il-ħanut u l-Maypole**, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta l-proposta tas-sur Josef Grech u tas-sur Mario Debono.

04.5.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament

04.5.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 11/2018 - Laqgħa ma' AC Mamo**, il-kelliem ippropona li l-laqgħa proposta mill-Pulizija għandha issir nhar it-Tlieta 24 ta' April fis-6.30pm fis-sala tal-Kunsill.

04.5.9 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.5.10 Il-Kunsill qabel unanimament

04.5.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 04/2018** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

04.5.12 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

04.5.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.6 Kwotazzjonijiet

- **2018/01 - Supply of a desktop PC (min 1, max 3) and Server (1 in no)**
- **2018/03 - Cash Collection**
- **2018/04 - Basketball Posts**

04.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 06/2018 - Kwotazzjoni 2018-01 Server u Desktop PC's**, il-kelliem għamel referenza għar-rapport tekniku preparat minn Eyetech Ltd. (46/0838/18/I) fejn ippropona li għandu jimxi mal-konklużjonijiet tar-rapport u għalhekk t'intgħażel l-offerta tal-kumpanija **Merlin Computers Ltd**. għal xiri ta' 3 desktop pc's mudell Fujitsu Intel Core i5, jiġu rifjutata l-offerti kollha konnessa max-xiri ta' server u minflok jinġabru kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' 3 or 4 Bay Network Access Storage (NAS Drive), fuq il-pc's il-ġodda jiġi nstallat Office 365 u jekk ikun hemm il-bżonn jinxtraw monitors ġodda ukoll.

04.6.2 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

04.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament

04.6.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 07/2018 - Kwotazzjoni 2018-03 Cash Collection Services**, il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jagħżel jestendi ż-żmien tal-applikazzjonijiet peress li għad m'hemmx 3 kwotazzjonijiet.

04.6.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.6.6 Il-Kunsill qabel unanimament

04.6.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 09/2018 - Kwotazzjoni 2018-04 Basketball Poles, board and ring**, il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jagħżel l-offerta tal-kumpanija **MB Promotions Ltd.** peress li hija l-irħas offerta.

04.6.8 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

04.6.9 Il-Kunsill qabel unanimament

## 04.7 Jum Pembroke 2018.

04.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill għandu jaħdem fuq programm simili bħas-sena li għaddiet.

04.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

04.8.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 10 u 11)**

04.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata inkluż l-aġġustamenti proposta.

04.8.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.9 Mozzjonijiet.

04.9.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 04.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.10.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-laqgħa li jmiss għandha issir fl-4:30pm.

04.10.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.10.4 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal-24 ta' April 2018 fl-4:30pm.

Konfermati, illum 24 ta' April, 2018

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 06/2018** **12 ta' Marzu 2018**

## Kwotazzjoni 2018/01 - Server u Desktop PC's

Il-Kunsill talab lil diversi kumpaniji biex jipprovdu stima għall-provvista ta' server u 3 pc's. **(Ara Dok. 1)** Il-kwotazzjonijiet għalqu nhar l-Erbgħa 7 ta' Marzu 2018 fis-2:00pm.

| Isem il-kumpanija | Items | € (Eskluż VAT) |
|---|---|---|
| **Merlin Computers Ltd.**<br>Merlin House<br>Mountbatten street<br>Ħamrun, ĦMR 1574. | Server Fujitsu Primergy TX1330-M3<br>(mhux inkluż Windows Server OS)<br>Installation<br>Warranty – 3yrs Parts and labour<br>Fujitsu Intel Core i5<br>Fujitsu Intel Core i7<br>(mhux inkluż mal-PC hija video card)<br>Warranty – 3yrs Parts and labour | 1,820.00<br><br>48.00/hr<br><br>735.00<br>835.00 |
| **atoz Electronics**<br>PAVI Shopping Complex<br>Triq Manwel Dimech<br>Qormi. | Server Dell PowerEdge T130<br>Windows Server OS – standard 2016<br>Windows Server OS – client 2016<br>Installation<br>Warranty – 4yrs Parts and 1yr labour<br>PC Connect Ci5<br>PC Connect Ci7<br>Warranty – 3yrs Parts and 2 yrs labour | 1,999.15<br>719.49<br>177.11<br>126.27<br><br>817.79<br>860.16 |
| **IES Computer Ltd.**<br>Tiber Apts, Apt 2<br>Triq Antonio Sciortino<br>Msida, MSD 1300. | Server Supermicro Solution<br>Horizon CPU Intel i5<br>Horizon CPU Intel i7 | 1,017.18<br>723.47<br>796.23 |
| **Informatech**<br>75, Il-Palma<br>Triq il-Prinjol<br>Santa Luċija, SLC 1304. | Server Supermicro CSE-731i-300B<br>Intel Core i5<br>Intel Core i7<br>Warranty – 3yrs Parts and labour | 1,525.00<br>775.00<br>895.00 |

| | | |
|---|---|---|
| **Infinite Fusion Technologies**<br>Triq Zingla<br>Zabbar, ZBR 1781. | Server HPE ProLiant ML10 G9<br>Windows Server OS – standard r2 2012<br>Intel Core i5<br>Intel Core i7<br>Warranty – 3yrs Parts and labour | 1,950.00<br>670.00<br>845.00<br>1,063.00 |

Microsoft Office għad-desktop PC's ma ġiex mitlub mal-offerti minħabba li l-prezz huwa standard online mingħand Microsoft

Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg talab il-kunsens tal-membri tal-Kunsill biex jitqabbad persuna kompetenti esterna biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu abbażi ta' prezz u kwalita' tal-offerti sottomessa.

Sar kuntatt mas-sur Omar Said tal-kumpanija Eyetech.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 07/2018** **22 ta' Marzu 2018**

## Kwotazzjoni 2018/03 – Cash Collection Services

Il-Kunsill talab lil diversi kumpaniji biex jipprovdu stima għall-provvista ta' Cash Collection Services. **(Ara Dok. 1)** Il-kwotazzjonijiet għalqu nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018 fis-2:30pm.

| **Isem il-kumpanija** | **Prezz eskluż il-VAT** | |
|---|---|---|
| | **2 cash collections** | **1 cash collection** |
| G4S Security Services (Malta) Ltd.<br>Capital business Centre Level 1<br>Triq taż-Żwejt<br>San Ġwann, SĠN 3000. | €50.00 | €40.00 |
| City Security Ltd.<br>175, Triq Rue D'Argens<br>Msida, MSD 1362. | €41.00 | €35.00 |
| | | |
| | | |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

*Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera*

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 08/2018** **22 ta' Marzu 2018**

## Kwotazzjoni 2018/05 – Maratona tal-Ġiri

Il-Kunsill talab lil diversi kumpaniji biex jipprovdu stima għall-provvista ta':

Servizz ta' tabib, Ambulanza bil-first Aid u 5 mobile toilets biex jintużaw waqt il-maratona tal-ġiri.

| Isem il-kumpanija | Servizz | € (ink. VAT) |
|---|---|---|
| Dr. Samuel Aquilina<br>66<br>Triq it-Torri Gauci<br>Naxxar, NXR 2142. | Tabib on site | €100.00 |
| Cleanmasters Co. Ltd. | 5 mobile toilets | €250.00 (ink. VAT) |
| Sanitech Premier<br>1, Amarena Court, Flat 1<br>Triq il-Vitorja<br>Ħal-Qormi, QRM 2500 | 5 mobile toilets | €147.50 (ink. VAT) |
| General Cleaners Co. Ltd. | 5 mobile toilets | €118.00 (ink. VAT) |
| Emergency First Response | Ambulance with crew | €95.00 (ink. VAT) |
| Malta Red Cross | Ambulance with crew<br>+ 6 first aiders around | €300.00 (ink. VAT) |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***



PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 09/2018** **22 ta' Marzu 2018**

## Kwotazzjoni 2018/04 – Basketball Poles, board and ring

Il-Kunsill talab lil diversi kumpaniji biex jipprovdu stima għall-provvista u l-installazzjoni ta' basketball poles (2), boards (2) u ring (2), biex jitwaħħlu fi Ġnien 4 ta' Lulju. **(Ara Dok. 1)**

| Isem il-kumpanija | Items | € (Eskluż VAT) |
|---|---|---|
| **MB Promotions Ltd.** | 2 complete sets<br>Instalation | €1,510.00 inc Vat<br>€100.00 |
| **M. Quip Co. Ltd.**<br>148-150, Dogwood<br>Triq il-Wied<br>Iklin, IKL 1803. | 2 poles<br>2 boards<br>2 rings<br>installation | €2,126.70<br>€498.31 / €551.68 / €560.59<br>€386.19 / €512.54<br>€650.00 |
| **Gokker Limited**<br>43, Għelejjel<br>Triq il-Mezez<br>Il-Mellieħa | 2 poles<br>2 boards<br>2 rings<br>Installation | €2,800.00<br>€800.00<br>€640.00<br>€700.00 |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 10/2018** **22 ta' Marzu 2018**

## Laqgħa ma' sid il-ħanut u l-Maypole

Il-laqgħa saret nhar il-15 ta' Marzu 2018 fis-13:30 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, u dan fuq talba tas-sur Josef Grech sid il-ħanut li hemm fi Triq Madre Margerita de Brincat kantuniera ma' Triq Camillo Sceberras, ħanut l'illum il-ġurnata qed jitmexxa mill-kumpanija Maypole.

Għall-laqgħa kienu preżenti s-sur Josef Gregh u l-Perit tiegħu Aaron Ablea filwaqt li għall-Maypole kienu preżenti d-Direttur Mario Debono u c-CEO Joe Spiteri.

Għall-Kunsill, għalkemm kienu mistiedna l-membri kollha, kien hemm preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Is-Sur Grech informa lill-Kunsill li l-PA qed tesiġi li biex jinħariġlu l-permess finali tal-ħanut, fil-post tiegħu għall-istaff, għandu jkollu faċilitajiet sanitarji aċċessibli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, u kien għalhekk li minħabba restrizzjoni ta' spazju, huwa qed iressaq talba lill-Kunsill biex għas-spejjeż tiegħu, jagħmel upgrading tal-latrina pubblika għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li hemm fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

Is-Sur Grech irrimarka li tali investiment jista' isir mill-privat abbażi ta' Ċirkulari 30/2017 maħruġa mid-DGL li tibbaża fuq AL 120/2017.

Saru diskussjonijiet fuq it-talbiet li saru mill-Kunsill li kienu:

1. Il-Kunsill qed jitlob li tiġi upgraded il-latrina kollha u mhux il-parti tal-persuni bi bżonnijiet speċjali biss,
2. Il-Kunsill qed jitlob li l-kumpanija tidħol għall-manutenzjoni ta' dak li jista' jinqala' għall-perjodu ta' mhux anqas minn 10 snin, u
3. Jekk il-Kunsill qed u/jew ser jiġi mitlub li l-latrina tinżamm miftuħa aktar mill-ħin li normalment jitlob il-Kunsill, l-għeluq tal-latrina kollha jkun fir-responsabbilita' tiegħek u/jew rappreżentant tiegħek tul il-ġranet kollha tas-sena sakemm jibqa' jopera l-ħanut inkwistjoni (anke jekk jitwella lil terzi).

Is-Sur Grech irrimarka li minn spezzjoni li għamel jirriżulta li l-latrini jinsabu fi stat tajjeb u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li dawn jinbidlu kollha. Dwar il-perjodu ta' 10 snin bħala manutenzjoni, il-kelliem tenna, li huwa ma jistax jidħol responsabbli għaż-żamma tal-latrini, aktar mis-sentejn garanzija fuq il-materjal li ser jipprovdi. Dwar il-ħinijiet, is-sur Grech informa lill-Kunsill li ma kienx hemm bżonn li l-latrini jinfetħu differenti minn dak li jsir peżentament.

PEMBROKE

Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lil dawk preżenti li l-Kunsill kien tal-opinjoni li jekk ser isir madum ġdid fil-parti fejn tintuża minn persuni bi bżonnijiet speċjali, ikun għaqli li jinbidel il-madum kollu apparti l-fatt ukoll li fil-kumplament tal-latrina (jiġifieri tal-irġiel u n-nisa), hemm bżonn xi faċilitajiet bħal mirja, bins, nappy changers, hand dryers, ect.

Wara diskussjoni li saret, is-sur Debono irrimarka li l-kumpanija tiegħu hija lesta li tiffinanzja x-xogħol li hemm bżonn biex isir fil-kumplament tal-latrina sakemm l-ispiża tkun raġonevoli u ladarba jinħareġ il-permess finali li għamel referenza għalih is-sur Grech. Il-kelliem żied ukoll li kien lest li jagħti sponsor finanzjarju kull sena biex tagħmel tajjeb għall-manutenzjoni tal-ġnien.

Il-laqgħa ntemmet fis-14:15.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 11/2018** **22 ta' Marzu 2018**

## Laqgħa ma' AC Mamo

Il-laqgħa saret nhar il-21 ta' Marzu 2018 fis-13:30 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, u dan fuq talba tal-AC Mamo.

Għall-laqgħa kienu preżenti l-AC Alexandra Mamo, is-Supretendent Raymond Danastas, u għall-Kunsill, għalkemm kienu mistiedna l-membri kollha, kien hemm preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Il-punti prinċipali diskussa kienu s-sit Natura2000 u n-nuqqas ta' osservazzjoni tal-liġijiet relatata mal-konservazzjoni tal-post, l-infurzar tal-parkeġġ fiż-żona tar-Residential Parking Scheme speċjalment fejn hemm il-ground tal-Luxol FC u l-Pulizija li jkun hemm biswit l-iskola primarja.

Madam Mamo infurmat lill-Kunsill li d-Distrett għandu diversi commitments u mhux dejjem ikun possibli li jlaħqu ma kollox u għalhekk huwa importanti li jkun hemm ukoll l-għajnuna minn entitajiet oħra fostom TM u l-Gwardjani Lokali speċjalment ħdejn l-iskejjel.

Dwar is-sit Natura2000, l-AC Mamo talbet li jekk huwa possibli tingħata informazzjoni dwar ir-regolamenti li jirrigwardjaw iż-żona ħalli l-Pulzija li ser jintbgħatu jkollhom aktar għarfin.

AC Mamo staqsiet lill-Kunsill jekk fil-lokal il-Kunsill għandux CCTV.

Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lill-AC Mamo dwar il-problema li kellu l-Kunsill vis-a-vis il-filmati u l-perjodu meta l-Pulizija tista' tiproċedi.

AC Mamo infurmat lill-Kunsill li l-Liġi hija ċara li l-Pulzija hija mitluba li toħroġ iċ-ċitazzjonijiet fi żmien 3 xhur minn meta jkun ġara l-każ.

AC Mamo talbet li jekk huwa possibli l-Kunsill jorganizza laqgħa t'informazzjoni mar-residenti bħala kampanja edukattiva u biex hija tkun tista' tisma' aktar mingħandhom, liema laqgħa qed jiġi ssuġġerit l'issir fis-6:30pm bejn l-aħħar t'April bidu ta' Mejju, bit-titlu tal-laqgħa jkun il-Pulzija qalb il-kommunita'.

Il-laqgħa ntemmet fis-14:30.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 12/2018** **22 ta' Marzu 2018**

## Laqgħa ma' Pembroke Athleta Sports Club u l-MTA

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2018 fis-14:30 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke.

Il-laqgħa saret fuq talba tal-MTA u kienu preżenti l-Perit Kevin Fsadrni u Francelle Caruana f'isem l-MTA, u is-sur Alfred Debono f'isem il-Pemboke Athleta Sports Club.

Għall-Kunsill, għalkemm kienu mistiedna l-membri kollha, kien hemm preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Il-punti diskussa kienu:

**Liema art hija fir-responsabbilita' tal-Pembroke Athleta Sporst Club, liema art hija tal-MTA u xi ftehim hemm bejn iż-żewġ naħat dwar l-amministrazzjoni fuq biċċa art partikulari (Ara ittra 46/0744/18/I), kif ukoll l-attivita' li qed jipproponi li jagħmlu l-klabb u/jew flimkien ma' persuna oħra fil-format ta' World Cup Village fix-xahar ta' meta ser isisr il-world cup 2018.**

Il-laqgħa ntemmet fit-15:30.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 13/2018** **27 ta' Marzu 2018**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 03/K7/18 u 04/K7/18

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 27/02/2018 | Laqgha tal-Kunsill numru 03/K7/2018 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 28/02/2018 | Laqgha ma l-Ufficcju Elettorali dwar l-Emendi tal-konfini | Evans Building | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 01/03/2018 | Smiegh ta' Appell PAB/00012/18 - Avalon, 48, Triq Il-Fortizza | PA | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 02/03/2018 | Laqgha ma' Godwin Said u Mark Crocker | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 02/03/2018 | Stedina ghall-Kunsill kolla ghal laqgha li orgaizzaw ir-residenti dwar il-progett ta' l-ITS | Skola Primarja | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Kevin Borg |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08/03/2018 | Smiegh ta' Appell PAB/035/18 - 32, Triq Il-Professur Joseph E Debono | PA | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 12/03/2018 | Kawza ta' small claims kontra l-Elmo insurance | Qorti | Kevin Borg |
| 14/03/2018 | Tahrig organizzat mid-Dipartiment dwar l-uzu tal-website | Boardroom ta' Casa Gaspe | Kevin Borg |
| 15/03/2018 | Laqgha mal-Maypole dwar talba lill-kunsill dwar il-lattrina pubblika | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 15/03/2018 | Laqgha ma' City Security dwar is-servizz tal-cash collection | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 15/03/2018 | Laqgha mal-Perit re il-kontijiet ta' Ells Urban Services | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 16/03/2018 | Laqgha mal-LEAP | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili |
| 17/03/2018<br>–<br>19/03/2018 | Presentations tat-Tournament tal-football ta' Pembroke Athleta b'kollaborazzjoni mal-Kunsill | Pembroke Athleta | Dean Hili |
| 21/03/2018 | Laqgha ma' l-Assistant Kummissarju Ms. Alexandra Mamo | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 22/03/2018 | Laqgha ma' l-MTA u ma' Pembroke Athleta savbiex jigi determinat ta' min hi l-art | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 23/03/2018 | Laqgha ma' EyeTerch dwar it-Technical report dwar il-quotes ta' server u pc | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 24/03/2018 | Laqgha tas-Sindki u Vici Sindki | Dolmen Hotel | Dean Hili<br>Ray Lanzon |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 14/2018**

**27 ta' Marzu 2018**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K7/18 u 04/K7/18

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 35 | 2018 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jinstalla 3 kaptelli heavy duty ghal madwar Block 10, Triq il-Battalja ta' Malta |
| 44 | 2018 | DOI | Tlabna sabiex jidher avviz dwar Qt 2/2018 - Manufacture, supply and install up to 6 picnic tables |
| 45 | 2018 | Pembroke Athleta SC | Referee ghall-6 loghbiet ghall-Hadd 18 ta' Marzu |
| 46 | 2018 | Eyetech | Tlabna sabiex jipprovdi rapport tekniku dwar il-kwotazzjonijiet li rcieva l-Kunsill dwar server u pc's |
| 47 | 2018 | DOI | Tlabna sabiexs jidher avviz fuq il-gazzetta dwar xi toroq maghluqa minhabba il-girja ta' Pembroke Athleta |
| 48 | 2018 | Calleja Ltd | Tipprovdi 60 bozza 1P 2PIN G23 827 W/WHT 9w ghall-prezz ta' €1.70 il-wahda eskluz il-VAT |
| 49 | 2018 | Dr. Samuel Aquilina | Servizzi ta' tabib il-Hadd 8 ta' April għal waqt il-girja annwali |
| 50 | 2018 | General Cleaners Co Ltd | 5 mobile toilets ghal nhar il-Hadd 8 ta' April għal waqt il-girja ghall-prezz ta' €118 inkluz il-VAT |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE